Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 8/2016

**Stephen Galea**

**Vs**

**Solar Engineering Limited**

30 ta' Mejju, 2017.

1. L-attur harrek lis-socjeta konvenuta quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ghas-somma ta' disa' mija u hamsa u tmenin ewro (€985) fir-rigward ta' airconditioner 24BTU li xtara minghand is-socjeta konvenuta. L-attur isostni li kien gie mwieghed li l-airconditioner jahli bejn 3 u 4 units ta' dawl jekk jaghmel tmien (8) sighat mixghul. Fil-fatt irrizulta li kien jahli 13 il-unit. Wara li nbidel il-kompressur ghamel zmien jahdem tajjeb sakemm imbaghad beda jikkonsma unit u nofs kull siegha.

2. Fit-2 ta' Gunju, 2015 il-konvenuta wiegbet:

   i. Il-prodott u servizz li nghata lill-attur kien skond il-ftehim.
   ii. Ir-raguni ghalfejn hemm konsum oghla hu minhabba li l-attur ihalli l-bibien miftuhin.

3. B'sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2016 it-Tribunal iddecieda li mill-provi kien irrizulta li l-airconditioner qatt ma laqha l-ispecifikazzjoni pattwiti,

> *"…. Kwindi dan l-airconditioner, minkejja li kien jahdem tajjeb ma kienx tal-kwalita pattwita minhabba l-konsum oghli tieghu. M'hemmx dubju li kieku r-rikorrent kien jaf il-veru konsum ta' dan l-airconditioner ma kienx jixtrih u kien inutli l-intervent tat-teknici tas-socjeta intimate jekk dan l-airconditioner ma kienx ser ilahhaq l-ispecifikazzjonijiet imsemmija.*
>
> *Dan jintitola lir-rikorrent illi jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh. It-Tribunal jiccensura lis-socjeta intimate illi din tat assikurazzjonijiet meta ma kinitx f'posizzjonijiet li taghmel hekk. Kienet l-istess socjeta' intimata illi ssuggeritlu illi jixtri airconditioner 24,000 BTU u mhux wiehed izghar u kienet l-istess socjeta intimate illi ggarantiet il-konsum bejn 3 u 4 units kull tmien sighat. L-argument tas-socjeta intimata – u cjoe' li r-rikorrent ma ppruvax il-kaz tieghu sal-grad li trid il-ligi – ma jregix, meta m'huwiex kontestat illi minn Frar sa April l-airconditioner ma kienx qed jahli konsum kif suppost, u li bejn Gunju u Ottubru 2013, nonostante diversi ilmenti tal-istess natura da parti tar-rikorrent, is-socjeta intimate ma baghtet ebda tekniku jew rapprezentant fuq il-post biex jivverifika jekk dan l-ilment kien minnu jew le. It-Tribunal ghalhekk ihoss illi dak illi qed ighid ir-rikorrent huwa probabbli u jilhaq il-grad tal-prova li trid il-ligi.*

*F'din is-sitwazzjoni kwindi r-rikorrent gie moghti airconditioner li ma kienx tal-kwalita' pattwita u ghalhekk ghandu dritt illi jiehu lura l-flus jew parti minnhom illi hallas ghax-xiri tal-oggett. Peress illi ghal xi zmien, qasir kemm hu qasir, l-airconditioner beda jikkonsma kif suppost, it-Tribunal ma jidhirlux illi ghandu jilqa' t-talba tar-rikorrent fl-intier taghha.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikkundanna lis-socjeta intimate sabiex tirrifondi lill-istess rikorrent is-somma ta' tmien mija u hamsin ewro (€850) ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata illi wara l-hlas ghandha d-dritt tiehu lura l-airconditioner imsemmi".*

4. Is-socjeta' konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma li:

i. It-Tribunal strah biss fuq ix-xhieda ta' l-attur li ma gab ebda prova teknika oggettiva dwar jekk l-ilment tieghu kienx minnu jew le. Illi l-ilment gie ntrodott f'Marsu 2015 u gie deciz mit-Tribunal f'Ottubru, 2016. Illi l-attur kellu zmien altru milli bizzejjed biex igib jew jaghti prova teknika dwar l-ilment tieghu aktar u aktar meta kienet il-kumpannija appellanti li pprovdietlu l-mezzi biex jigi accertat jekk l-ilment tieghu kienx gustifikat jew le. Jekk l-attur gie mwieghed li l-*aircondition* li xtara ma kienx ser jahli aktar kien certa konsum, dan kien iwassal ghal ksur tal-garanzija lilu moghtija izda mhux li l-oggett mibjugh ma kienx tal-kwalita' pattwita;
ii. L-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 1407(1) tal-Kodici Civili u 78 tal-Kap.378.
iii. Ma rrizultax li gew imharsa mill-appellat id-dispozizzjonijiet taht l-Artikolu 79 tal-Kap.378 billi naqas li javza lill-kumpannija appellanti bil-miktub bin-nuqqas ta' konformita' fi zmien hemm preskritt. Irrizulta li l-appellat intebah bin-nuqqas ta' konformita' fit-23 ta' Frar, 2013, pero' dan baqa qatt ma ghamlu bil-miktub lill-kumpannija intimata fi zmien hemm preskritt;

5. L-attur wiegeb illi l-kumpannija appellanti qeghda tipprova ddawwar is-sitwazzjoni favur taghha, meta hi taf li t-talbiet tal-attur appellat kienu ghal kollox gustifikati.

6. **Fatti.**

i. Fil-11 ta' Frar, 2013 l-attur xtara airconditioner 24,000 BTU minghand il-konvenuta ghall-prezz ta' €984.99. L-attur kien gie infurmat li l-airconditioner kien jahli bejn 3 u 4 units kull erba' sighat.
ii. Fl-14 ta' Frar, 2013 saret il-konsenja tal-airconditioner u gie nstallat.
iii. Fit-23 ta' Frar, 2013 ir-rikorrent ilmenta li l-airconditioner kien qed jahli z-zejjed. L-attur inghata l-parir sabiex jaghlaq il-ventilaturi. Ghalkemm aghmel kif qalulu, il-konsum tal-elettriku baqa' oghli.
iv. L-ilment tal-attur baqa' hemm. Fil-fatt fil-5 ta' April, 2013 technicians tas-socjeta' attrici nstallaw sub-meter mal-airconitioner biex jigi registrat kemm qieghed jikkonsma elettriku. Ir-reading fuq il-meter

kien 1837. L-attur xehed, *"Jiena dakinhar stess li twahhal il-meter f'April, 2013 uzajtu u meta rajt li l-konsum qabez il-4 units f'dik id-darba li wzajtu ma ergajtx uzajtu. Jiena l-ilment tieghi ghamiltu fi Frar u kienet is-socjeta intimate li ghogobha tigi f'April u l-meter twahhal proprju ghax ma gejtx emmnut minnhom. Jiena ma hallejtux mixghul ghal 8 sighat ghax ma ghandix flus x'nahli"*.

v. Fit-22 ta' April, 2013 ir-reading fuq il-meter kien 1843, igifieri 6 units fuq perjodu ta' sbatax-il gurnata.

vi. Fit-22 ta' April, 2013 il-konvenuta bidlet il-kompressur. L-attur qal li wara l-airconditioner beda jahdem kif suppost izda wara erba' xhur beda jzid il-konsum.

vii. B'avviz tal-25 ta' Ottubru, 2013 id-Dipartiment tal-Konsumatur gharraf lill-konvenut li, *"… l-intervent ta' dan l-ufficcju sabiex jintlahaq ftehim amikevoli bejnek u bejn in-negozjant kellu rizultat negattiv"*.

viii. Fl-4 ta' Marzu, 2015 l-atturipprezenta l-kawza.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

7. Il-hlas li jippretendi l-attur hu €985. Mela appell jista' jsir biss f'dawk il-kazijiet li jissemmew f'paragrafi (a) sa (c) tas-subinciz 2 tal-artikolu 22 tal-Kap.378. M'hemmx dubju li l-ewwel aggravju m'huwiex relatat mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal jew mal-preskrizzjoni. Hemm ukoll jedd ta' appell meta t-Tribunal ikun mar kontra *'l-principji ta' gustizzja naturali'*. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti iddikjara li:

> *"…. t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u dik l-azzjoni ippregudikat il-jeddijiet taghha u qeghda tinterponi umli appell ghal quddiem dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 22(2)(c) tal-Kap.378"*.

Mill-atti jirrizulta li kull parti nghatat opportunita sabiex tressaq il-provi li riedet. Il-konvenuta ssostni li:

> *"Minkejja li t-Tribunal sema' liz-zewg partijiet ma tax id-debitu piz li s-submeter kien baqa' mwahhal u li xejn aktar hlief dan is-submeter ma kien ser jaghti prova oggettiva jekk l-ilment tar-rikorrent kienx wiehed gustifikat jew le. Kif drabi ohra ntqal, jekk il-fatti tal-kawza jkunu tali li ma jkunx jista' bl-apprezzament tal-bniedem komuni u fil-limiti tal-konoxxenza ta' materja teknika li jista' jkollu bniedem ordinarju jasal biex jifforma opinjoni fuq bazi ta' ekwita dwar il-gustizzja tat-talba tar-rikrrent, il-gustizzja sostantiva li jsemmi l-Artikolu 21(1) tal-Kap.378 kienet tezigi l-prova teknika"*.

Kieku riedet il-konvenuta kellha kull opportunita' li titlob lill-qorti sabiex taghti provvediment biex taghmel prova teknika, jekk hemm bzonn bin-nomina ta' espert tekniku, li l-airconditioner kien jikkonsma dawl daqs kemm l-attur kien gie mwieghed. L-ewwel seduta saret fit-13 ta' April, 2015 filwaqt li l-ahhar seduta kienet fis-27 ta' Gunju, 2016. Ghalhekk fuq meddha ta' dsatax-il xahar

il-konvenuta altru milli kellha bizzejjed zmien sabiex tizgura li ssir prova teknika. Madankollu m'ghamlet l-ebda talba simili. Jidher li mill-provi li ngabru l-konvenuta kienet thossha kunfidenti li t-talba tal-attur kienet ser tigi michuda.

Il-qorti zzid li ghalkemm hu minnu li min jallega jrid jipprova, hu evidenti li mill-provi li ngabru t-Tribunal kien sodisfatt li l-airconditioner kien qieghed jikkonsma iktar elettriku milli l-attur kien imwieghed. Il-konvenuta targumenta li ma kienx hemm provi li setghu iwasslu lit-Tribunal biex jilqa' t-talba tal-attur. Pero' dik hi materja ta' apprezzament ta' provi, li dwarha m'hemmx dritt ta' appell minhabba li l-ammont mitlub mill-attur hu inqas minn €1,200 (ara artikolu 22(3) tal-Kap.378).

F'dan l-aggravju l-appellanti lmentat ukoll li:-

> *"Jekk ir-rikorrent kien gie mwieghed li l-aircondition lilu mibjugh ma kienx sa jahli aktar min certa konsum, semmai dan kien iwassal ghal ksur tal-garanzija lilu moghtija izda mhux li l-oggett mibjugh ma kienx tal-kwalita' pattwita"*.

Dan hu punt ta' ligi li zgur li m'huwiex wiehed mill-kazijiet li jissemmew f'subinciz 2 tal-artikolu 22 tal-Kap.378. F'kull kaz is-socjeta' appellanti m'ghamlet l-ebda argument dwar din it-tezi. Inoltre, l-ilment tal-attur jaqa' perfettament f'dak li jinghad fl-artikolu 73 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap.378).

8. Fir-rigward tat-tieni aggravju, il-qorti tosserva li:

   i. L-artikolu 1407(1) tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in ezami gialadarba l-attur ippropona din il-kawza a bazi tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap.378).

   ii. L-artikolu 78 tal-Kap.378 jipprovdi:

   > *"Il-kummercjant ghandu jkun responsabbli taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 73 u 74 meta l-konsumatur jinduna bin-nuqqas ta' konformita' fi zmien sentejn mill-kunsinna tal-oggetti. Dan il-perjodu ghandu jigi sospiz sakemm idumu ghaddejjin in-negozjati bejn il-kummercjant u l-konsumatur bil-ghan li jintlahaq ftehim amikevoli"*.

   Il-konsenja saret fl-14 ta' Frar, 2013 u fit-22 ta' April, 2013 inbidel il-kompressur. Fl-intervall technicians tas-socjeta konvenuta kienu qeghdin jaghmlu spezzjonijiet fuq l-airconditioner oggett tal-kawza peress li l-attur kien qieghed jilmenta li l-airconditioner kien qieghed jikkonsma elettriku iktar milli kien imwieghed. Peress li l-artikolu 78 jipprovdi li l-perjodu ta' sentejn ikun sopiz sakemm *"idumu ghaddejjin*

*in-negozjati"*, semmai kien biss wara li nbidel il-komprossur li rega' beda ghaddej il-perjodu ta' sentejn. Peress li l-attur ipprezenta l-kawza fl-4 ta' Marzu, 2015, is-sentejn zgur li ma kinux ghaddew.

iii. L-artikolu 79 tal-Kap.378 jipprovdi:

> *"(1) Sabiex ikun jista' jikseb beneficcju mir-rimedji disponibbli taht din it-Taqsima, konsumatur ghandu javza lill-kummercjant bil-miktub b'kull nuqqas ta' konformita' fi zmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebah b'dak in-nuqqas ta' konformita' "*.

Disposizzjoni li giet introdotta bl-Att XXVI tas-sena 2000.

Mill-provi rrizulta li l-attur mill-ewwel gharraf lill-konvenuta bl-ilment li l-airconditioner kien qieghed jahli iktar elettriku milli kien imwieghed li ser jahli. Tant hu hekk li fit-23 ta' Frar, 2013 saret l-ewwel *inspection* minn *technician* tas-socjeta konvenuta sakemm fit-22 ta' April, 2013 inbidel il-kompressur. Mela l-kummercjant mill-ewwel gie nfurmat bl-ilment u sahansitra ghal iktar minn darba baghat *technician* tal-kumpannjia ghand l-attur minhabba. Fil-fehma tal-qorti meta tqies dawn ic-cirkostanzi u gialadarba din l-eccezzjoni ma nghatatx fit-twegiba li l-konvenuta pprezentat fit-Tribunal, ifisser li rrinunzjat ghaliha. Ghalhekk m'ghandux ikun li l-eccezzjoni tinghata fl-istadju tal-appell.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.**

Anthony Ellul.